MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Numru. 90/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JAMES TABONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Tabone, ta' 23 sena, bin Louis u Mary nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Marzu 1983, u residenti 96, Triq Vincenzo Bugeja, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 180283(M), u akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur gewwa l-Gzejjer ta' Malta, u cioe' b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, gewwa Tas-Sliema, il-Hamrun u diversi bnadi ohra ghal dawn l-ahhar sitt xhur, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe' lil omissis, ta' omissis sena, minn omissis, u dan ai termini tal-Artikoli 203 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, dati, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u anke gewwa vettura b'numru tar-registrazzjoni CAJ 746, tal-ghamla BMW, u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni gentilment talbet lill-Onorabbli Qorti li f'kaz li l-imputat jinstab hati, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq, tordna l-konfiska tal-vettura CAJ 746, bhaal parti mill-corpus delicti wzati fir-reat, u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 2).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta, jirrizulta b'mod inekwivoku li James Tabone kellu x'jaqsam sesswalment ma' omissis, meta kien jaf li din kellha biss omissis sena. Illi din l-attivita' sesswali saret f'post pubbliku u cioe' fil-karozza tal-imputat, u dan b'mod repetut. Illi l-att sesswali dejjem sar bil-volonta' pjena tal-minuri, li ghalkemm kellha avventura ma' 'boyfriend' iehor precedenti ghall-imputat, dan jidher illi kien jikkonsisti f'korruzzjoni lieta.

Illi mill-istess stqarrija tal-imputat huwa evidenti illi l-imputat hu dipendenti fuq id-droga u kien qed jipprova jeghleb il-vizzju tieghu.

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 203 u 209, 28A u 28G(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Artiklu 7(5)(d) tal-Kap 446, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

In oltre tqeghdu taht 'supervision suspended order' ghal perjodu ta' tlett snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht 'treatment order', sabiex jitqieghed bhala pazjent residenti, taht l-awspici tal-Agenzija Sedqa, jew istituzzjoni ohra minnha approvat, sabiex l-imputat jeghleb darba ghal dejjem id-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Il-Qorti fehmet l-import u s-sinjifikat ta' din is-sentenza lill-imputat, u l-fatt illi s-sorveljanza ta' Probation Officer u t-'treatment order' huma kundizzjoni tas-sentenza sospiza.

In vista ta' dan kollu, u in vista tal-fatt illi kienet omm l-imputat li hallset ghall-vettura ndikata fl-akkuza, din il-Qorti ma tarax illi hemm lok ghall-konfiska tal-oggetti esebiti, u f'dan is-sens, qed tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Agenzija Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------